MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 178/2004

**Guido Vella**

**vs**

**Thomas Spagnol**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Jannar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u sitta u hamsin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm856.71) rapprezentanti bilanc dovut fuq prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra llegali tat-30 ta' Settembru 2003, u bl-imghax legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ tmien mija u sitta u hamsin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm856.71), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------